# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta´ Settembru 2023**

**Talba nru. 94/2019**

**MIRAGE HOLDINGS LIMITED (C 6808)**

*VERSUS*

**FINIAN BUTTIGIEG (I.D. 289984 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 ta´ Mejju 2019 (a fol 1 et seq), is-soċjeta´ attriċi talbet l-ammont ta´ erbat elef u disa´ mija u sitt Ewro (Eur 4906.00) kwantu għal erbat elef u sitt mija u ħamsa u tmenin Ewro (Eur 4658.00) rappreżentanti merkanzija mibjugħa mis-soċjeta´ attriċi lill-konvenut u mitejn u tmienja u erbgħin Ewro (Eur 248.00) rappreżentanti interessi kummerċjali.

Ra d-digriet ta´ dan it-Tribunal tal-14 ta´ Mejju 2019 fejn is-soċjeta´ attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika lill-konvenut (a fol. 4).

Ra illi fl-20 ta´ Mejju 2019 il-konvenut ġie debitament notifikat (a fol. 6).

Ra illi l-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu fit-8 ta´ Lulju 2019 (a fol. 79) wara li t-Tribunal ikkonċeda lill-konvenut sa´ din it-tali data sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu (a fol. 77).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fil-21 ta´ Frar 2020, is-soċjeta´ attriċi għalqet il-provi.

Ra illi fil-11 ta´ Marzu 2022, il-konvenut għalaq il-provi.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Mix-xhieda prodotti jidher ċar x´kien il-ftehim bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenut. Jidher illi l-partijiet kienu qablu fil-prinċipju illi s-soċjeta´ attriċi u l-konvenut daħlu f´kuntratt fejn is-soċjeta´ attriċi ipprovdit lill-konvenut diversi prodotti sabiex il-konvenut jesebixxihom fil-ħanut tiegħu u jbiegħ minn dawn it-tali prodotti. Is-soċjeta´ attriċi kienet tagħti dawn il-prodotti *on consignment* lill-konvenut b´dan illi l-konvenut kien iħallas il-*wholesale price* lis-soċjeta´ attriċi f´każ illi jkun hemm bejgħ ta´ dawn it-tali prodotti lill-konsumaturi u jżomm għalih id-differenza tal-prezz mibjugħ. Dan il-ftehim hu kkonfermat fost oħrajn mix-xhieda ta´ Luciano Martinelli (a fol. 85) u mix-xhieda tal-konvenut innifsu (a fol. 111) u l-ftehim uffiċjali bil-miktub bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenut li sar fis-16 ta´ Settembru 2016 u li kellu jiddekorri sat-30 t´Awwissu 2017 (a fol. 8).

Id-diżgwit bejn il-partijiet inħoloq meta s-soċjeta´ attriċi marret tiġbor il-prodotti mill-ħanut tal-konvenut u s- soċjeta´ attriċi ma sabitx il-prodotti kollha. Filwaqt illi l-konvenut jallega illi hemm xi ammont li ma jaqbiżx l-elf Ewro (Eur 1000.00) filwaqt illi s-soċjeta´ attriċi tgħid illi tali ammont hu ferm ikbar, hekk kif inhu indikat fit-talba.

Bħala l-ewwel punt ser jiġi ċċarat illi l-ftehim uffiċjali bil-miktub bejn is-soċjeta´ attriċi u l-konvenut sar fis-16 ta´ Settembru 2016 u kellu jiddekorri sat-30 t´Awwissu 2017 (a fol. 8). Biss pero´ skond ix xhieda u n-noti tas-sottomissjonijiet ipprovduti mis-soċjeta´ attriċi u mill-konvenut jidher illi r-relazzjoni bejn il-partijiet fil-verita´ ġiet fi tmiemha fil-11 ta´ Settembru 2018 (a fol. 267 u 278).

Dan it-Tribunal jinnota illi s-soċjeta´ attriċi ppreżentat diversi *invoices* u *delivery notes* fejn xi ftit minn dawn id-delivery notes ma kinux iffirmati, statement of account, sales ledger transactions, żewġ ittri mibgħuta lill-konvenut sabiex isir il-ħlas, korrispondenza, stock list by location u location transfer document (a fol. 7 et seq). It-Tribunal jinnota wkoll illi hu seta´ jifhem liema prodotti ma kinux inġabru mill-ħanut tal-konvenut fit-tmiem tar-relazzjoni bejn il-partijiet biss pero´ dan it-Tribunal ma setax jifhem b´liema prezz il-konvenut kellu jħallas għal dawn il-prodotti. Filwaqt illi s-soċjeta´ attriċi ppreżentat is-*sales ledger transactions* u l-istock list by location (a fol. 91 et seq), kien ferm diffiċli sabiex it-Tribunal jifhem il-prezz tal-prodotti. Dan in-nuqqas ta´ kjarezza ma setax anqas ikun iċċarat mill-konvenut stante illi l-konvenut xehed illi hu qatt ma żamm *stock ledger account* (a fol. 254 et seq) u għaldaqstant ma setax jgħid liema prodotti s-soċjeta´ attriċi kienet ġabret mill-ħanut tal-konvenut u għal liema prodotti kellu jħallas lis-soċjeta´ attriċi. Dan kien nuqqas kbir min-naħa tal-konvenut. Iktar u iktar, il-konvenut, kemm fir-risposta li ppreżenta quddiem dan it-Tribunal (a fol. 82) kif ukoll fin-nota tas-sottomissjonijiet (a fol. 273 et seq) ammetta li jidher illi hemm somma pendenti li jrid iħallas lis-soċjeta´ attriċi iżda biss pero´ illi tali somma ma tiskorrix l-ammont ta´ elf Ewro (Eur 1000.00).

F´dan id-dawl tal-provi u n-nuqqas tagħhom, dan it-Tribunal ser iħares lejn l-ittri li s-soċjeta´ attriċi li bagħtet lill-konvenut. Jidher illi s-soċjeta´ attriċi bagħtet żewġ ittri lill-konvenut, l-ewwel waħda datata 27 ta´ Diċembru 2018 għall-ammont ta´ erbat elef u mitejn u tnejn u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4252.56) u oħra datata 17 ta´ Jannar 2019 għall-ammont ta´ erbat elef u disa´ mija u żewġ Ewro u tnejn u tletin ċenteżmi tal-Ewro (Eur 4902.32). Dan it-Tribunal iħoss illi skond dawn iż-żewġ ittri meta maqbula mal-provi kollha, il-konvenut kellu jħallas lis-soċjeta´ attriċi l-ammont ta´ erbat elef u mitejn u tnejn u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4252.56) stante illi dawn iż-żewġ ittri kienu ffirmati minn Luciano Martinelli li hu uffiċjal tal-kumpanija inkarigat mill-accounts u ukoll impjegat fil-*general administration* tas-soċjeta´ attriċi b´dan illi li kieku l-ewwel ammont kien indikat ħażin ċertament kien jinduna u f´xahar, l-ammont dovut ma seta´ qatt jerġa´ jgħola stante illi se mai il-konvenut kien ser ikun f´pożizzjoni ta´ inċertezza u ppreġudikata. *Se mai*, l-istatement of account ippreżentat mis-soċjeta´ attriċi jindika ammont ferm għola minn dak mitlub f´din il-kawża mis-soċjeta´ attriċi (a fol. 9).

B´dan illi wkoll fuq l-ammont ta´ erbat elef u mitejn u tnejn u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4252.56) ma jibdiex jiddekorri l-imgħax ta´ ħamsa fil-mija kull sena mid-data tal-ittra datata 27 ta´ Diċembru 2018 skond l-artikolu 1434 tal-Kodiċi Ċivili *stante* illi l-prodotti illi jidher illi l-konvenut hu dovut iħallas għalihom lis-soċjeta´ attriċi kienu prodotti illi ma nbigħux mill-konvenut u allura ma wasslu għal ebda frottijiet jew utili oħra sa dak il-mument. Dan il-ftehim bejn il-partijiet qed jitqies bħala kuntratt ta´ bejgħ *stante* illi l-artikoli 1346 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ifissru fid-dettal it-tifsira ta´ dan it-tali bejgħ u anke kif irid isir il-ħlas bejn il-partijiet, fost oħrajn. Fil-fatt, il-kelma *consignment* hi ta´ oriġini Latina u li tintuża ferm fil-Franċiż u li f´dan il-każ, dan il-ftehim bejn il-partijiet hu dak hekk imsejjaħ *sales consignment*. Dan il-ftehim ma jistax jitqies bħala mutwu *stante* illi l-artikolu 1842 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi "*Il-mutwu jew self għall-konsum huwa kuntratt li bih waħda mill-partijiet tikkunsinna lill-oħra xi kwantità ta' ħwejjeġ li jintemmu bl-użu, bl-obbligu ta' min jissellef li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor tal-istess xorta u kwalità*" b´dan illi jfisser illi jekk persuna sselfet oġġett, din it-tali persuna trid tirritorna oġġett simili bl-istess valur u mhux flus peress illi l-oġġetti jistgħu jżidu jew inaqqsu fil-prezz u l-kwailta´ fuq medda ta´ żmien.

Ukoll, f´dan il-każ, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi anqas l-Artikolu 1047 tal-Kodiċi Ċivili ma jista´ jkun applikabbli *stante* illi ma hemm ebda ċertezza illi s-soċjeta´ attriċi kienet ser tbiegħ dawn il-prodotti żgur li kieku ma kinux għand il-konvenut u dan għaliex is-sub-inċiż (1) tat-tali Artikolu jipprovdi illi "*Il-ħsara li tikkonsisti f'illi ttellef lil persuna l-użu tal-flus tagħha, tissewwa bil-ħlas tal-imgħaxijiet li jinqiesu bit-tmienjafil-mija fis-sena.*"

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ attriċi erbat elef u mitejn u tnejn u ħamsin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 4252.56). L-ispejjeż gudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma tliet kwarti a kariku tal-konvenut u kwart a kariku tas-soċjeta´ attriċi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur